MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 641/2012

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet li permezz tieghu ppremettew :-

Illi huma kienu zzewgu f' Malta nhar l-erbgha ta' Mejju tas-sena elf disa mija u disghin (04/05/1990) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru sitt mija u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u disghin (620/1990);

Illi minn dan iz-zwieg, l-esponenti kellhom zewgt itfal u cioe` N li twieldet nhar l-ghaxra t'April tas-sena elf disa'

mija u  sitta u disghin (10/04/1996) u K li twieled nhar il-wiehed u tletin ta’ Jannar tas-sena elfejn (31/01/2000);
Illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa tat-tlieta ta’ Marzu elfejn u hamsa (03/03/2005) vera kopja tal-istess qieghdha tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;

Illi ukoll il-partijiet ilhom ma jghixux flimkien ghal perjodu kontinwat ta’ iktar minn erba’ (4) snin;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-manteniment ghal uliedhom kif ukoll ghall-esponenti kif miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom dejjem thallas puntwalment;

Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul. Ghal dan il-ghan huma qeghdin jiddikjaraw ukoll bil-gurament li qeghdin jaghtu struzzjonijiet kongunti lill-avukat sottoskritt biex jirrapprezenta lit-tnejn li huma f’dawn il-proceduri;

Ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn Adrian Theuma u martu Nicholina Theuma u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikolu 66A *et sequitur* tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Mejju 1990;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-3 ta' Marzu 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------